MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2013

Numru. 280/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond J. Borg)**

**vs**

**Miguel Vassallo**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Miguel Vassallo ta’ 20 sena, iben Christopher u Jennifer (Jane Alfrida) nee` Brincat, imwieled Pieta` nhar it-23 ta’ Dicembru 1990, residenti, 10, The Lodge, Triq Willie Apap, San Gwann u detentur tal-karta tal-identita` 74591M

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, nhar it-22 ta' Awwissu 2011, gewwa l-Imsida, kif ukoll f'dawn tliet xhur, f'hinijiet differenti u fi bnadi ohra f'Malta:

a) Importa, jew gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga sabiex tigi importata medicina perikoluza (*Cannabis Grass*) f'Malta, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Aktar talli f'dawn l-ahhar tliet snin, f'hinijiet differenti u fi bnadi ohra f'Malta:

b) Biegh jew xort'ohra traffika l-pjanta *Cannabis* kollha jew bicca minnha u dan bi ksur tal-Artikolu 8(e) tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta *Cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur tal-Art. 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

d) Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *Cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tal-1 ta’ Lulju 2013, il-Prosekuzzjoni rrilevat illi matul l-investigazzjoni rrizulta illi l-importazzjoni mertu tal-imputazzjoni (a) kienet tirrigwarda droga intenzjonata biss ghall-uzu personali tal-imputat;

Rat ukoll illi fir-rigward tal-imputazzjoni (b), fis-seduta tal-1 ta’ Lulju 2013, il-Prosekuzzjoni ddikjarat illi dan kien kaz ta’ *trafficking by sharing*;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra t-twegiba u jerga’ lura minnha;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-imputazzjonijiet kif migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni illi fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, il-prosekuzzjoni ddikjarat illi mill-investigazzjoni tal-pulizija, irrizulta illi d-droga importata mill-imputat kienet intiza biss ghall-uzu personali tieghu u illi fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, dan kien kaz ta’ *trafficking by sharing.* Fit-trattazzjoni taghha dwar il-piena, il-prosekuzzjoni sostniet ukoll illi l-imputat kien ikkopera mal-pulizija matul l-investigazzjoni taghha, kif jirrizulta wkoll mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputat.

Il-Qorti qieset ukoll l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat u l-fedina penali aggornata tieghu, li hija wahda netta. In oltre jidher illi l-imputat ghadu jistudja.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll illi mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputat fit-22 ta' Awwissu 2011[1], jirrizulta illi dak iz-zmien l-imputat kien ilu jabbuza mill-*Cannabis* ghal tliet snin u kien ipejjep mill-inqas, *joint* kuljum. Ghalhekk, ghalkemm id-difiza ssottomettiet illi l-imputat illum m'ghadux jabbuza mill-*Cannabis*, in vista tal-fatt illi l-imputat kien jabbuza minn din id-droga b'mod tassew regolari, il-Qorti jidhrilha li jkun ghaqli illi l-imputat jigi assenjat Ufficjal tal-*Probation* sabiex jigi segwit, u jigi assigurat illi kemm il-darba m'ghadx b'dan il-vizzju, huwa jibqa' miexi fit-triq it-tajba.

Mill-istess stqarrija jirrizulta wkoll illi l-imputat importa l-*Cannabis grass* tal-inqas f'zewg okkazzjonijiet – fl-istqarrija tieghu, l-imputat jghid li "*generalment kont qed nixtriha bi €10 jew €15 kull gramma*" u sussegwentement jghid illi "*L-ewwel li gibt kien 10 grammi u l-ahhar li gibt kien 3 grammi*".[2] Ghalhekk x'aktarx illi l-imputat kien importa d-droga f'izjed minn zewg okkazzjonijiet, imma l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni biss iz-zewg okkazzjonijiet imsemmijin specifikatament mill-imputat.

In oltre il-Qorti qieset l-imputazzjonijiet (c) u (d) bhala assorbita fl-imputazzjoni (b) ai termini tal-Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, stante li r-reati kkontemplati f'dawn l-imputazzjonijiet servew bhala mezz ghall-fini sabiex seta' jigi kommess ir-reat mertu tal-imputazzjoni (b).

## Konkluzjoni

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 2(1), 8(a), 8(d), (8e), 12, 15A, 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii), il-proviso ghall-Artikolu 22(1B) u l-proviso ghall-Artikolu 22(9) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah

[1] A fol. 7 sa 9 tal-process.
[2] A fol. 8 tal-process.

fir-rigward tal-imputazzjoni (a) ghal piena ta’ **multa ta’ elfejn u tlett mitt Euro (€2,300)** li, b’applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tista’ tithallas b’rati mensili u konsekuttivi ta’ mija u hamsin Euro (€150), bl-ewwel pagament isir mhux izjed tard minn xahar mid-data ta’ din is-sentenza. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull €35 jew parti minnhom dovuti.

Fir-rigward tal-imputazzjonijiet (b), (c) u (d), b’applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tqieghed lill-imputat taht Ordni ta’ *Probation* ghal zmien sentejn mil-lum, bil-kundizzjonijiet kontenuti fl-Ordni hawn anness, li ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta’ *Probation* jew jekk jonqos illi jsegwi xi wahda mill-ordnijiet stipulati fl-Ordni tal-*Probation*, u l-hati esprima r-rieda tieghu li jikkonforma mal-htigijiet ta’ din l-Ordni. Il-Qorti wissietu wkoll illi huwa jista’ jibbenefika mill-proviso ghall-Artikolu 22(9) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta ghal darba wahda biss.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-*Probation* u *Parole.*

Il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni illi tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti a tenur tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, stante li ma nhatru ebda esperti f’dan il-kaz.

Finalment, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga, Dokument MB1, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta’ din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------